



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.8.2017
COM(2017) 412 final

ANNEX 1

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Kirgiża min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

PROTOKOLL
GĦALL-FTEHIM TA' SĦUBIJA U KOOPERAZZJONI
LI JISTABILIXXI SĦUBIJA BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MIN-NAĦA L-WAĦDA,
U R-REPUBBLIKA KIRGIŽA, MIN-NAĦA L-OħRA,
SABIEX TITQIES L-ADEŻJONI
TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA MAL-UNJONI EWROPEA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,
IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,
IR-REPUBBLIKA ĊEKA,
IR-RENJU TAD-DANIMARKA,
IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,
IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,
L-IRLANDA,
IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,
IR-RENJU TA' SPANJA,
IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,
IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,
IR-REPUBBLIKA TAL-ITALJA,
IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,
IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,
IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,
IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,
L-UNGERIJA,
IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,
IR-RENJU TAN-NETHERLANDS
IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,
IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,
IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,
IR-RUMANIJA,
IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,
IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,
IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“Istati Membri”,

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Unjoni”, u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

minn naħa,

KIF UKOLL

IR-REPUBBLIKA KIRGIŻA,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "il-Partijiet Kontraenti,"

BILLI l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika Kirgiża, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", ġie ffirmat fi Brussell fid-9 ta' Frar 1995;

BILLI t-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ġie ffirmat fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011;

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, għandu jkun hemm qbil dwar l-adeżjoni tagħha mal-Ftehim permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għall-Ftehim;

WARA LI TQIESET l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja b'dan taderixxi b'ħala Parti mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika Kirgiża. Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tadotta u tieħu nota, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni, tat-testi tal-Ftehim, u tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti, id-Dikjarazzjonijiet u l-Iskambji ta' Ittri annessi mal-Att Finali ffirmat fl-istess data.

ARTIKOLU 2

Fi żmien debitu wara l-iffirmar ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni għandha tikkomunika l-verżjoni bil-lingwa Kroata tal-Ftehim lill-Istati Membri tagħha u lir-Repubblika Kirgiża. Soġġetta għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-verżjoni tal-lingwa msemija fl-ewwel sentenza ta' dan l-Artikolu għandha ssir awtentika bl-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Françiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kirgiża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Russa, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża tal-Ftehim.

ARTIKOLU 3

Dan il-Protokoll għandu jkun parti integrali mill-Ftehim.

ARTIKOLU 4

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Partijiet Kontraenti skont il-proċeduri tagħhom stess. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak l-għan. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni.
3. Sakemm tasal id-data tad-dħul fis-seħħ, il-Protokoll għandu japplika proviżorjament b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

ARTIKOLU 5

Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ eżemplari bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Frañċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bil-Kirgiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bir-Russu, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenżjarji ffirmati hawn taħt, mogħtija s-setgħa dovuta għal dan l-effett

iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi ..., fi ...jum ta' ...tas-sena ...

GĦALL-UNJONI EWROPEA, IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA U L-ISTATI MEMBRI

GĦAR-REPUBBLIKA KIRGIŻA